# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru 348/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Danish Bakery Limited (C-7921)**

**Vs**

**Roderick Bonnici (K.I. 80887M))**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 26 ta' April 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

   *1. Illi is-socjetà rikorrenti hija kreditriċi tal-intimat Roderick Bonnici fis-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, erba' mija u ħames Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€47,405.82), rappreżentanti bilanċ ta' ammonti ikbar dovuti mill-konvenut għall-merkanzija, ossia ħobż u ħelu varju, mibjugħ u ikkonsenjat mis-soċjeta` rikorrenti lill-intimat u dan kif miftiehem bejn il-partijiet ai termini tal-Lista ta' Proċeduri hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A, u kif jidher mill-prospett u l-fatturi relattivi hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B u Dok. C rispettivament.*

   *2. Illi minkejja interpellat iħallas dan l-ammont, l-intimat baqa' inadempjenti;*

   *3. Illi dana d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u sa fejn taf is-soċjeta` rikorrenti, l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jissoleva f'din il-kawża;*

*4. Illi għalhekk, jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ;*

***B. RAĠUNI GĦAT-TALBIET F'DAWN IL-PROĊEDURI***

*5. Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-intimat huwa debitur fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sebgħa u erbgħin elf, erba' mija u ħames Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€47,405.82) u għaldaqstant tikkundanna lill-istess intimat iħallas dan l-ammont lis-soċjeta' rikorrenti.*

***C. TALBIET ATTRIĊI***

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq premessi:*

1. *Taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe` bid-dispensa tas-smigħ;*

2. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti is-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, erba' mija u ħames Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€47,405.82) dovuta kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma` dan ir-rikors, u bl-imgħax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat min issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat li l-konvenut, għalkemm debitament notifikat, ma ppreżentax risposta.

3. Rat li fit-23 ta' Mejju 2022, din il-Qorti diversament ippreseduta, wara illi semgħet lill-intimat jiddikjara illi xtaq jikkontesta l-każ, awtorizzat lill-konvenut biex jippreżenta r-risposta ġuramentata (fol 129).

4. Rat li fit-12 ta' Lulju 2022, din il-Qorti diversament ippreseduta osservat, wara illi rat li l-konvenut ma daħħalx risposta maħlufa kif awtorizzat fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2022, fatt minnu kkonfermat seduta stante, għaddiet biex irrevokat *contrario imperio* d-digriet tat-23 ta' Mejju 2022, fejn ġie dikjarat li ser taqta' din il-kawża bil-proċediment ordinarju, u minflok ġie dikjarat li l-kawża ser tingħata mingħajr smigħ kif mitlub fl-ewwel talba (fol 131).

5. Rat li fit-12 ta' Lulju 2022, il-Qorti għaddiet biex laqgħet it-talbet tas-soċjeta' rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat.

6. Rat li s-sentenza preliminari ġiet appellata, u permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Jannar 2023, is-sentenza appellata ġiet dikjarata nulla u konsegwentement, intbagħtu lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smiegħ tal-każ.

7. Rat illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, fit-13 ta' Marzu 2023, appuntat il-każ għas-smigħ mill-ġdid għall-15 ta' Mejju 2023.

8. Rat illi s-soċjeta' rikorrenti, fil-21 ta' Marzu 2023, ippreżentat rikors sabiex din il-Qorti tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha fejn awtorizzat lill-intimat sabiex jirrispondi, peress illi kkontendiet illi kien kontumaċi, liema talba ġiet miċħuda minn dina l-Qorti fil-23 ta' Marzu 2023.

9. Rat li fil-15 ta' Mejju 2023, fis-seduta ta' dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ġie osservat li l-konvenut Roderick Bonnici ġie nnotifikat fit-23 ta' Marzu 2023, iżda, għalkemm debitament notifikat huwa baqa' ma' ppreżenta ebda risposta u għalhekk il-Qorti qieset illi l-intimat kien kontumaċi.

10. Rat illi fil-15 ta' Mejju 2023 il-kawża ġie differita għall-provi rikorrenti.

11. Semgħet ix-xhieda ta' Alex Mallia, mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 (fol 9), fejn ikkonferma illi l-ammont ta' €47,405.82 kien għadu ma tħallasx.

12. Rat illi fit-18 ta' Mejju 2023, is-soċjeta' rikorrenti dikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

13. Rat illi fit-18 ta' Mejju 2023, in vista tal-kontumaċja ta' l-intimat, akkordat żmien lill-istess intimat sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

14. Rat illi fis-6 ta' Ġunju 2023, l-intimat ippreżenta s-sottomissjonjiet tiegħu bil-miktub.

15. Rat illi fis-6 ta' Ġunju 2023, il-kawża ġiet differita għas-sentenza b'dan illi s-soċjeta' rikorrenti kellha sa l-aħħar ta' Awissu sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha.

16. Rat illi sa llum ma daħlu ebda sottomissjonijiet da' parte tas-soċjeta' rikorrenti.

**Fatti tal-każ**

17. Jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti qed tallega li hija kreditriċi tal-intimat fis-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, erba' mija u ħames Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€ 47,405.82), rappreżentanti bilanċ ta' ammont dovut mill-konvenut għall-merkanzija ta' ħobż u ħelu varju, mibjugħ u kkonsenjat mis-soċjetà rikorrenti lill-intimat.

18. Jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti eżebiet il-ftehim bejn il-partijiet, Dok A fol 5, u lista ta' dokumenti u fatturi bħala Dok C (fol 15 *et sequitur*).

19. Jirriżulta, li l-konvenut ġie interpellat biex iħallas dan l-ammont iżda baqa' inadempjenti.

**Ikkunsidrat**

20. Jirriżulta, illi s-soċjeta rikorrenti qiegħda, permezz tal-azzjoni preżenti, titlob li l-konvenut jiġi ikkundannat iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, erbgħa mija u ħames Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€ 47,405.82), bilanċ għall-merkanzija ta' ħobż u ħelu varju ikkonsenjat mis-soċjetà rikorrenti lill-istess konvenut.

21. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konvenut Roderick Bonnici, ma ppreżentax risposta wara li ġie debitament notifikat, għalhekk huwa kontumaċi skont il-liġi. Għandu jingħad, li l-kontumaċja hija fiha nnifisha mhijiex ammissjoni, iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni. Hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza:

> "*Huwa paċifiku li l- kontumaċja mhijiex ammissjoni u skond kif dejjem ritenut minn dawn il-qrati, il-kontumaċja għandha tiġi interpretata ukoll bħala oppożizzjoni, u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerta dettalji li tħoss li huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti." (Ara f'dan is-sens* ***Ruth Apap vs Noel Apap*** *– Prim' Awla Qorti Ċivili deċiża fit-30 ta' Ġunju 1995; u* ***Emmanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe*** *deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar 2014. Ara wkoll* ***Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea*** *deċiża mill-Prim' Awla fis-26 ta' April 2001).*

22. Madankollu, jirriżulta li l-konvenut ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, fejn issottolinja li d-dokumenti annessi mar-rikors tas-soċjetà rikorrenti, mhumiex iffirmati. Ġie sottomess, ukoll mill-konvenut, li s-soċjetà rikorrenti ma ġabet ebda prova li l-konsenji in kwistjoni kienu aċċettati mill-intimat, u li s-soċjeta rikorrenti lanqas ma ġabet prova tal-VAT number tal-konvenut. Dawn huma prinċipalment is-sottomissjonijiet tal-konvenut.

23. Jibda biex jingħad, li s-soċjetà rikorrenti eżebiet fl-ewwel lok, Dok A (fol 5) li huwa l-ftehim datat l-1 ta' April 2021. Dan il-ftehim jinsab iffirmat mill-partijiet u jindika b'mod ċar dak li ġie maqbul dwar il-konsenji u tqassim ta' prodotti is-soċjetà rikorrenti kellha tiddistribwixxi lill-konvenut.

24. Għalhekk, din hija prova ċara, li bejn il-partijiet kien sar ftehim, liema ftehim kien jikkonsisti fil-konsenja ta' merkanzija ta' ħobż u ħelu konsenjati lill-konvenut.

25. Jirriżulta wkoll li s-soċjetà rikorrenti eżebiet Dok B fol 9 *et sequitur*, konsistenti fi 'Statement of account' tal-istess soċjetà rikorrenti fejn hemm il-lista tal-konsenji u ta' l-ordnijiet diversi li saru lill-konvenut.

*26.* Inoltre`, is-soċjetà rikorrenti eżebiet ukoll il-fatturi kollha li jindikaw il-konsenji kollha b'mod dettaljati li saru lill-konvenut. Dawn huma eżebiti Dok C, fol 15 *et sequitur*.

27. Il-konvenut fis-sottomissjonijiet tiegħu, donnu jipprova jitfa' dawl fuq il-fatt li m'hemmx prova li l-konsenji li jidhru f' dawn il-fatturi ġew aċċettati mill-intimat minkejja li hemm indikat il-kliem 'Dispatched by' 'Delivered by' and 'Received by'.

28. Izda tajjeb jiġi puntwalizzat, li l-konvenut kellu kull opportunità jikkontesta u jressaq il-provi tiegħu li setgħu jikkontrastaw id-dokumenti eżebiti mis-soċjetà rikorrenti. Madankollu, dan m'għamlux, għaliex huwa ma ressaq l-ebda prova kif kellu kull dritt li jagħmel.

29. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tiskarta *in toto*, l-allegazzjonijiet fiergħa u mhux ippruvati tal-konvenut fis-sottomissjonijiet tiegħu.

30. Fid-dawl tar-riżultanzi fattwali, u tal-provi dokumentarji miġjuba mis-soċjetà rikorrenti, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tikkundanna

lill-konvenut iħallas is-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, erbgħa mija u ħames Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€ 47,405.82).

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-konvenut;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, erba' mija u ħames Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€ 47,405.82) dovuta għall-merkanzija, ossija ħobż u ħelu varju, mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenut.

Bl-ispejjeż inkluż tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, għandhom ikunu a kariku tal-konvenut.

Imgħax legali huwa dovut mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur